IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.7.2014
COM(2014) 485 final

ANNEX 1

# ANNESSI

**għall-**

**Proposta għal**

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnamm, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

## PROTOKOLL

## GĦALL-FTEHIM QAFAS KOMPRENSIV DWAR IS-SĦUBIJA U L-KOOPERAZZJONI

**bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Vjetnam min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

MT MT

**ANNESSI**

**għall-**

**Proposta għal**

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnamm, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

**PROTOKOLL**

**GĦALL-FTEHIM QAFAS KOMPRENSIV**
**DWAR IS-SĦUBIJA U L-KOOPERAZZJONI**

**bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Vjetnam min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn issa ’l quddiem imsejħa “l-Istati Membri”, irrappreżentati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni Ewropea",

min-naħa l-waħda, u

IR-REPUBBLIKA SOĊJALISTA TAL-VJETNAM, minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Vjetnam"

min-naħa l-oħra,

minn issa 'l quddiem imsejħa '"l-Partijiet Kontraenti" għall-għanijiet ta' dan il-Protokoll,

WARA LI KKUNSIDRAW l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta’ Lulju 2013,

BILLI l-Ftehim Qafas Komprensiv dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Ftehim"), ġie ffirmat fi Brussell fis-27 ta' Ġunju 2012;

BILLI t-Trattat li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-“Trattat tal-Adeżjoni,” ġie ffirmat fi Brussell fid-9 ta’ Diċembru 2011;

BILLI, skont l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni, tar-Repubblika tal-Kroazja, l-adeżjoni tagħha mal-ftehim għandha tiġi miftiehma bil-konklużjoni ta' protokoll mal-Ftehim;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika tal-Kroazja b'dan qed taderixxi bħala Parti mal-Ftehim Qafas Komprensiv dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell, fis-27 ta’ Ġunju 2012, u rispettivament tadotta u tieħu nota, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea, tat-testi tal-Ftehim, kif ukoll tad-Dikjarazzjonijiet tiegħu.

*Artikolu 2*

Fi żmien debitu wara l-inizjalar ta' dan il-Protokoll, l-Unjoni Ewropea tikkomunika lill-Istati Membri tagħha u lir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, il-verżjoni tal-Ftehim bil-lingwa Kroata. Soġġett għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, il-verżjoni tal-lingwa msemmija fl-ewwel sentenza ta’ dan l-Artikolu ssir awtentika bl-istess kundizzjonijiet tal-verżjonijiet tal-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Russa, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriża tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Dan il-Protokoll jifforma parti integrali mill-Ftehim.

*Artikolu 4*

(1) Dan il-Protokoll jiġi approvat mill-Unjoni Ewropea, mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri u mill-Vjetnam skont il-proċeduri tagħhom. Il-Partijiet Kontraenti jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal dan l-għan. L-istrumenti ta’ approvazzjoni jiġu depożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta’ l-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu tal-aħħar strument ta’ approvazzjoni, iżda mhux qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

*Artikolu 5*

Dan il-Protokoll huwa abbozzat f'żewġ kopji fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana, Ungeriża u Vietnamita, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji ffirmati hawn taħt, mogħtija s-setgħa għal dan l-effett, iffirmaw dan il-Protokoll.

*Magħmul fi ..., fi ... tas-sena ...*

*GĦALL-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA*

*GĦAR-REPUBBLIKA SOĊJALISTA TAL-VJETNAM*